**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Sarah K. Zerafa)**

**kontra**

**JOSLOANN CASSAR**

**(detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 442693(M))**

**Illum it-8 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Josloann Cassar** xebba Brignone ta' 28 sena, bint Anthony Brignone u Antonia Brignone xebba Borg, imwielda Pieta' nhar is-26 ta' Settembru 1993, u residenti 140, Flat 3, Dawret ix-Xatt, Xghajra, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 442693(M), senjatament talli bejn Mejju 2022 u Awwissu 2022 minn gewwa l-hanut *Falcar Automotive*, Triq San Tumas, Tarxien u/jew fil-vicinanzi, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettiet serq ta' stereos u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravate bil-valur, liema ammont jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur. 2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Falcar Co. Ltd. u /jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli rrendiet ruhha bhala recediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundana lill-imputata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputata, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li din il-Qorti spjegatilha b’mod solenni l-konsegwenzi tal-istess u wara li nghatat zmien sabiex tirrikunsidra l-istess u tergha tkellem lill-avukat taghha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Ili fuq l-ammissjoni tal-imputata, l-imputazzjonijiet miġjuba kontrieha giet sodisfaċentament ippruvata;

In kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, din il-Qorti qieset l-istadju ferm bikri tal-proċeduri li fihom saret l-ammissjoni, in-natura tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom, l-fedina penali taghha, il-kooperazzjoni taghha mal-pulizija sabiex kif ukoll is-social inquiry reportipprezentat. Minn dan ir-rapport jirrizulta li l-qua imputata kellha trobbija difficli. Illum il-gurnata hija jidher li ghandha hamest itfal u ma jirrizultax li ghandha problema tad-droga. Mis-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet kif ukoll mir-rapport ikkumpilat mill-ufficjal tal-probation jidher li hemm qbil li piena karcerarja ma hijiex wahda idoneja fic-cirkostanzi tal-kaz odjern

**Decide:**

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti, qed issib lill-qua imputat Josloann Cassar hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-istess Cassar bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed tordna lill-imputata thallas lil Falcar Co. Ltd is-somma ta' tlett t'elef, erbgha u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (Eur. 3,074.52) fi zmien sena millum.

Fl-ahhar net b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali qed torbot lill-hatja b'garanzija personali ta' hames mitt Ewro (Eur. 500) li zzomm il-kwiet mal-haddiema kollha li jahdmu fi hdan Falcar Co. Ltd kif ukoll il-bon ordni pubblika ma kulhadd.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kundizzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur